MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 1573/1997/1

**Maestro Joseph Gatt (Maestro di Cappella Nani)**

**v.**

**Reverendu Kapillan Joe Magro bhala Kapillan ta' Hal-Balzan u b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 1999, il-kawza tkompliet f'isem Joseph Aquilina bhala Ekonomu tal-Monsinjur Arcisqof u b'digriet tad-19 ta' Frar, 2001 Vincent Ciliberti assuma l-atti bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof minflok Joseph Aquilina li miet waqt li kienet mixja l-kawza u**

**b'digriet tas-27 ta' Settembru 2004**
**Dr Michelle Tabone bhala Ekonomu**
**ta' Monsinjur Arcisqof assumiet l-**
**atti tal-kawza minflok Vincent G. Ciliberti.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni presentata fis-7 ta' Lulju, 1997 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta li huwa proprjetarju u amministratur ta' dik li fil-kamp muzikali huwa maghruf bhala in-“Nani Cappella” u dan kwantu jirrigward l-ezekuzzjoni u direzzjoni ta' muzika liturgika u sagra komposta mill-kompozitur Paolo Nani LL.D. u ohrajn ta' l-istess familja, hlief ghal dik ezegwita mill-Bazilika Karmelitana tal-Belt Valletta u dana kif jirrizulta mill-anness dokument datat 17 ta' Ottubru, 1978 (ara Dok “JG1); illi kif ser jirrizulta, minn meta l-attur akkwista ddrittijiet naxxenti mid-dokument sudett, hadd f'Malta ma ezegwixxa jew mod iehor daqq muzika liturgika u religjuza fi hdan il-Kappella Nani jekk mhux bil-kunsens espress tal-attur; illi anke l-ghadqa Nazzjonali tal-muzicisti interveniet biex il-konvenut Reverendu jifhem li l-attur ghandu drittijiet rigwardanti l-imsemmija Kappella li jesigu l-kunsens tieghu qabel ma xi hadd jesegwixxi l-muzika komponenti il-Kappella in kwistjoni (ara dok. “JG2”); wara li ppremetta dan l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-konvenut Reverendu ma ghandu ebda dritt li jezegwixxi jew jinkariga terzi biex jezegwixxu muzika liturgika u/jew religjuza tal-Kappella Nani jekk mhux bil-kunsens espress jew taht id-direzzjoni tal-attur, u
2. tinibixxi definittivament milli hu jew tezi (recte: terzi) minnu inkarigati jezegwixxu tali muzika u komposizzjonijiet jekk mhux bil-permess espress tal-attur taht piena ta' disprezz lejn l-Awtorita` ta' dina l-Qorti.

Bl-ispejjes u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-30 ta' April, 1998 il-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament, li hu mhux il-persuna legittima biex tikkontesta din il-kawza billi llum l-entijiet religjuzi djocesani kollha ta' Malta, inkluzi l-Knejjes Parrokkjali, huma direttament amministrati minn Monsinjur Arcisqof li jagixxi gjudizzjarment, tant bhala attur kemm bhala konvenut, mill-Ekonomu tieghu (ara Art. 786(1) Kodici Procedura). L-attur kien jaf bil-posizzjoni ghax hu stess agixxa korrettament fil-kawza Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina noe" Citaz. 2183/96 pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta.
2. Fil-mertu, id-domandi huma assolutament infondati billi l-iskrittura tas-17 ta' Ottubru 1978 li jsemmi l-attur giet sopraggunta bil-kuntratt li sar fis-26 ta' Settembru 1984 in atti Nutar Dr Anthony Attard li bih is-surmast Paolo Nani ghadda x-xogholijiet muzikali tieghu bil-copyright relattiv lill-Muzew tal-Knisja Kattedrali ta' Malta li minghandu l-konvenut odjern ottjena l-partitura tal-muzika li tindaqq fil-festa titulari ta' Hal Balzan.
3. Illi kwantu ghall-Ghaqda Nazzjonali tal-Muzicisti li semma l-attur fic-citazzjoni, l-esponenti kien ta l-ispjegazzjonijiet mehtiega u jidher li ma regghetx tkellmet.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tal-25 ta' Jannar, 2002 meta cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu u dana wara li qalet hekk:-
"Il-fatti li wasslu ghal dan il-kaz graw hekk:

"Maestro Paolo Nani kellu d-drittijiet fuq il-muzika, li kienet kompozizzjoni tieghu u ta' membri ohra tal-familja Nani, awturi tieghu, li kienet tifforma dik li hija maghrufa bhala l-*Cappella Nani.*

"Fis-17 t'Ottubru 1978 Maestro Nani ghamel ftehim b'kitba privata[2] ma' l-attur dwar din il-muzika. Dan il-ftehim fost hwejjeg ohra jghid hekk:

*I………..nominate Mro Joseph Gatt as my successor, administrator and proprietor of the Nani Cappella. In virtue*

[2] Fol. 5.

*of this nomination, he is now held responsible for all the performances of the Nani compositions during liturgical services in churches wherever the Nani's music is requested or performed.*

*As my designate successor, he is to be consulted in my absence whenever the music is requested for public concerts or other performances ………*

*Mro Joseph Gatt remains the one and only responsible to perform the Nani's compositions of church music through the liturgical services in Malta and Gozo. In view of this nomination and the Cappella renewal, the music previously left in churches by myself to be performed, now has been withdrawn. This is to secure always professional level of performance, and to give the exclusive right of performance of Nani's Archives to my successor as the Maestro di Cappella.*

"Ftit anqas minn sitt snin wara, fis-26 ta' Settembru, 1984, Maestro Nani ghamel ftehim iehor, din id-darba b'att pubblikat min-Nutar Anthony Attard[3], ma' Monsinjur Professur Edward Coleiro f'isem il-Kapitolu tal-Kattedral ta' l-Imdina. Bis-sahha ta' dan l-att Maestro Nani ghamel donazzjoni lil Monsinjur Coleiro *nomine* ta' "*a collection of original musical compositions of the said Emanuele, Agostino, Doctor Paolo u Anton Nani, as well as his own original musical compositions, together with diplomas, portraits and other items of historical interest pertaining thereto hereinafter referred to as "The Nani Musical Collection" or "The Collection" ……..." s*abiex dawn jinzammu fil-muzew tal-Kattedral.

"Fost il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tad-donazzjoni hemm dawn li gejjin:

*5. During the lifetime of the Donor the authority to decide by whom and under what conditions the musical compositions included in the Collection may be performed shall rest wholly and exclusively with the said Donor;*

---

[3] Foll. 14 et seqq.

*6. The Collection shall be available for students and research workers during the normal working hours of the Museum and under the direct supervision of the Museum Staff; copies of original manuscripts may be issued against payment, provided that, in the case of operatic or symphonic music, such copies shall only be issued to Clubs or similar constituted bodies who guarantee to perform them under the name of the original composer.*

"L-attur qieghed ighid illi hu ghandu d-dritt ta' l-awtur fuq il-muzika u kull ftehim li Maestro Nani ghamel wara mal-konvenut ma jolqotx id-dritt tieghu, ghax Maestro Nani ma setghax jerga' jaghti lil terzi dak li kien ga' ta lill-attur: *nemo dat quod non habet.* Il-konvenut qieghed ighid illi l-ftehim bejn Maestro Nani u l-attur kien "superat" bil-ftehim li Maestro Nani ghamel mieghu.

Il-konvenut jidher illi qieghed jifhem illi l-kuntratt li sar mieghu ghandu aktar sahha ghax sar b'att pubbliku waqt illi l-ftehim ma l-attur kien sar biss b'kitba privata[4]. Naturalment, is-soluzzjoni ghal din il-kwistjoni ma hix daqshekk facli ghax sakemm il-ftehim huwa wiehed illi seta' jsir b'kitba privata, u ma jehtiegx bilfors il-forma ta' att pubbliku, mela jkun jiswa jekk isir b'kitba privata daqslikieku jkun sar b'att pubbliku. Jekk Maestro Nani validament ghadda d-dritt tieghu lill-attur, ma setax wara jerga jaghtih lill-konvenut.

"Il-kwistjoni mela hija jekk bil-kitba tas-17 t'Ottubru 1978 bejn Maestro Nani u l-attur saritx cessjoni tad-dritt ta' l-awtur favur l-attur u jekk ic-cessjoni saritx bil-forma li trid il-ligi.

"Meta graw il-fatti li wasslu ghal dan il-kaz id-dritt ta' awtur kien regolat bl-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur [Kap. 196][5]. Id-disposizzjonijiet li jirregolaw ic-cessjoni ta' dak id-dritt insibuhom fl-Art. 13(sic):

[4] Ara x-xiehda ta' Mons. Vincenzo Borg , fol. 45

[5] Dan l-Att kien imhassar bl-Att XIII ta' l-2000, izda kien fis-sehh meta graw il-fatti li wasslu ghall-kawza.

**12**(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-drittijiet ta' l-awtur ikunu trasmessi b'cessjoni, b'disposizzjoni testamentarja, jew bis-sahha ta' ligi, bhal proprjeta` mobbli.

(3) Ebda cessjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ebda licenza biex jintghamel att li l-eghmil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur ma jkollha effett jekk ma tkunx bil-miktub:

Trasferiment tal-proprjeta` fuq hwejjeg mobbli ma jehtiegx att pubbliku, izda l-art. 12(3) tal-Kap 196 irid li jsir ftehim bil-miktub. Ghalhekk, kitba privata bhal dik li saret fis-17 t'Ottubru 1978 kienet tkun bizzejjed biex ighaddi d-dritt ta' l-awtur.

"Izda jekk saret cessjoni minn Maestro Nani lill-attur, dik l-cessjoni saret gratuwitament, ghax il-kitba ma ssemmi ebda hlas. Cessjoni bla hlas hija donazzjoni, u dwar id-donazzjonijiet ighodd ukoll l-art. 1573 tal-Kodici Civili:

**1753.**(1) Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku.
(2) Izda, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jghoddux –

(a) ghal rigali, li jinghataw minn id ghal id, ta' flus jew hwejjeg mobbli korporali ohra, jew ta' titoli ghall-portatur, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra;
(b) ghal rinunzja gratuwita ta' jeddijiet jew ghal cessjoni ta' krediti jew ta' titoli negozjabbli, jew ghal mahfra ta' djun jew ghal patt maghmul favur terzi imsemmijin fl-artikoli 999, 1000 u 1704:

"Id-dritt ta' l-awtur, ghalkemm jitqies bala propjeta` mobbli, ma hux "mobbli korporali" u ma hux inkorporat f'titolu ghall-portatur jew f'titolu negozjabbli; lanqas ma hu dritt ta' kreditu, ghax jiswa *erga omnes*; ukoll, cessjoni ta' dak id-dritt ma titqiesx rinunzja ta' jeddijiet, ghax jedd li ghalih issir rinunzja jintemm u mhux ighaddi lic-cessjonarju. Ghalhekk id-donazzjoni ta' dritt ta' l-awtur trid issir b'att

pubbliku, kif irid l-art. 1753 tal-Kodici Civili ghax ma tghodd ebda wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2).

“Ghalhekk il-kitba tas-17 t’Ottubru 1978 ma tistax titqies li kienet cessjoni b’donazzjonijiet tad-dritt ta’ l-awtur fuq il-muzika favur l-attur.

“Fil-fatt x’kien tassew il-hsieb tal-partijiet meta ghamlu l-ftehim tas-17 t’Ottubru 1978 ma hux ghal kollox car.

“Il-parti fejn tghid illi “*I…… nominate Maestro Joseph Gatt as my successor, administrator and proprietor of the* Nani Cappella” u illi “*This is ….. to give the exclusive right of performance of Nani’s Archives to my successor as the* Maestro di Cappella” tidher illi trid tghid illi Maestro Nani kien qieghed jaghmel cessjoni shiha tad-dritt favur l-attur; rajna li dan ma setax isir hlief b’att pubbliku. Parti ohra tal-kitba izda tghid illi “*As my designate successor, he is to be consulted in my absence whenever the music is requested for public concerts or other performances”.* Dan ifisser illi Maestro Nani ried izomm ghalih id-dritt li jkollu l-ahhar kelma, u illi l-hatra ta’ l-attur ma kinitx wahda finali ghax inhatar biss bhala “*designate successor”.*

“Billi l-interpretazzjoni tal-ftehim ghandha ssir *ut magis valeat quam pereat,* fil-fehma tal-qorti interpretazzjoni tajba tal-kitba tas-17 t’Ottubru 1978 hija illi l-attur ma kisibx id-dritt ta’ l-awtur fuq il-muzika, ghax dak id-dritt zammu Maestro Nani, izda l-attur inhatar biss bhala delegat, ghalkemm b’setghat wesghin, ta’ Maestro Nani u amministratur tal-*Cappella Nani*. Hatra bhal dik, min-natura taghha, hija revokabbli, u, f’kull kaz, ma setghetx tibqa’ ssehh wara l-mewt ta’ Maestro Nani. Jekk min-naha l-ohra, il-hsieb tassew kien li ssir cessjoni tad-dritt ta’ l-awtur, mela dik ic-cessjoni ma tiswiex ghax ma saritx fil-forma li trid il-ligi.

“Fil-fehma tal-qorti, ghalhekk, illum l-attur ma ghandu ebda jedd fuq il-muzika tal-*Cappella Nani,* u t-talbiet tieghu ma jistghux jintlaqghu.”

**L-appell ta’ l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ipprezentat fl-14 ta' Frar 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet premessi u b'hekk tilqa' l-appell maghmul minnu u tghaddi biex tilqa' t-talbiet ta' l-attur appellant. Bl-ispejjes kontra l-konvenut appellat.

L-aggravji ta' l-attur appellant huma it-tnejn bazati fuq apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi in materja. Infatti qed jinghad li:

a. Illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta kkunsidrat il-kitba tas-17 ta' Ottubru, 1978 bhala donazzjoni, u bhala tali nulla nkwantu ma kellhiex il-forma li trid il-ligi, u dana billi din kient hatra ta' amministratur bis-seghat ta' sorveljanza u ta' esekuzzjoni u konservazzjoni tal-komposizzjonijiet Nani.
*b.* Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tippekka billi injorat d-dritt ta' "amministrazzjoni" konferit fl-istess skrittura li huwa dritt separat u distint minn dak ta' proprjeta`.

Minn ezami tas-sottomissjonijiet maghmula mill-attur appellant jidher li dan qed jorbot l-argumenti tieghu kollha mal-fatt li l-iskrittura tas-17 ta' Ottubru 1978 ma titkellimx biss fuq dritt ta' proprjeta` izda tikkonferixxi wkoll drittijiet ohra bhal ma huwa dak ta' amministrazzjoni.

Kwantu ghall-ewwel aggravju qed jigi sottomess illi l-artikolu 1753 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghall-kaz prezenti billi l-iskrittura qatt ma kienet intenzjonata bhala donazzjoni izda bhala hatra ta' amministratur u ghalhekk ma kinitx tehtieg l-att pubbliku. Inoltre qed jigi sottomess li l-konvenut qatt ma attakka l-validita` ta' l-hekk imsejha donazzjoni billi fit-tieni eccezzjoni jinghad biss li l-imsemmija skrittura tas-17 ta' Ottubru 1978 giet sopraggunta bil-kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1984 fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Attard. Dikjarazzjoni, din, li tirrikonoxxi l-validita` tal-istess skrittura tal-1978. Ghalhekk, jissottometti l-attur appellant, li kull pronunzjament fir-rigward tal-imsemmija skrittura privata kien "*ultra petita".*

L-ewwel parti ta’ l-ewwel aggravju u cioe` li l-iskrittura titkellem fuq amministrazzjoni ser jigi kunsidrat taht it-tieni aggravju mressaq mill-attur appellant billi hemm jidher li r-referenza hija izjed diretta. B’dana kollu jigi rilevat li l-azzjoni attrici hija wkoll bazata fuq id-dritt ta’ l-attur qua “proprjetarju” ta’ dik li fil-kamp muzikali huwa maghruf bhala in-“Nani Cappella”. Isegwi li t-talbiet attrici ma jistghux jirnexxu jekk dan id-dritt ta’ proprjeta` ma jirrizultax billi l-istess talbiet huma intimament marbuta u jistghu biss jigu milqugha kemm-il darba l-attur jipprova t-titolu tieghu. L-Ewwel Qorti kienet cara hafna meta kkunsidrat dan l-aspett ta’ kwistjoni billi osservat li ghalkemm id-dritt ta’ l-awtur seta’, skond il-Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien fis-sehh fid-data meta gara l-fatt, jigi trasferit validament bi skrittura privata, din l-istess skrittura privata ma jista’ jkollha ebda validita` nkwantu l-Artikolu 1573 tal-Kodici Civili jehtieg is-solennita` ta’ att pubbliku f’kazi ta’ donazzjonijiet li ma jkunux eskluzi taht il-provvedimenti ta’ l-istess artikolu. Hawn insibu li n-nullita` hija espressament komminata mil-ligi u konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet pienament fid-dritt taghha li, biex tara jekk it-talbiet attrici setghux jigu milqugha jew le, tezamina l-validita` o meno tal-iskrittura li a bazi taghha kienet qed tigi promossa l-azzjoni attrici.

Din il-Qorti tikkondividi dak kollu li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward u ghalhekk ma ssib ebda gustifikazzjoni fl-ewwel aggravju mressaq mill-attur.

Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-attur appellant qed jigi sottomess li l-iskrittura privata tas-17 ta’ Ottubru 1978 ma kinitx tikkonferixxi biss dritt ta’ proprjeta` li, skond dak li inghad hawn fuq, kien jirrikjedi l-att pubbliku, izda kienet tikkonferixxi fuq l-attur il-poteri ta’ “*amministratur*” tal-Kappella Nani. Dan id-dritt, kif sewwa osserva l-attur appellant, ma jehtiegx l-att pubbliku u konsegwentement dan id-dritt kellu jigi rikonoxxut bil-konsegwenti akkoljiment tat-talbiet attrici.

Din il-Qorti hawn ukoll ma tistax tikkondividi l-argumenti sollevati fir-rikors ta’ l-appell u dana mhux biss minhabba

dak li gie elokwentement rilevat mill-ewwel qorti fil-parti konkluziva tas-sentenza fis-sens li tali hatra hija revokabbli u li, fi kwalunkwe kaz il-hatra ta' amministratur tispicca mal-mewt ta' dak li jkun hatru amministratur, izda izzid tghid li l-kuntratt ta' donazzjoni tas-26 ta' Settembru, 1984 in atti Nutar Anthony Attard, huwa proprju manisfestazzjoni tal-volonta` ta' Paul Nani kuntrarja ghal dak li kien intqal fl-iskrittura tas-17 ta' Ottubru 1978 billi tali att mhux biss ikkonferixxa lill-Muzew tal-Kattidral il-proprjeta` ta' "a collection of original musical compositions …… referred to as "The Nani Musical Collection"", trasferiment ta' proprjeta` li fih innifsu jittermina kull amministrazzjoni li setgha kellu l-attur, talli dawn kellhom jigu "kept and displayed in the Cathedral Museum". L-istess kuntratt ikompli jghid espressament li "Under no circumstances shall the said Collection or any part thereof be allowed to leave the Museum premises except in order to be performed under the conditions laid down in the following paragraphs". Bil-klawsola 5 tal-kuntratt imsemmi (fol 18) l-istess Paul Nani zamm id-dritt li matul hajtu huwa stess jiddeciedi "by whom and under what conditions the musical compositions included in the Collection may be performed …" u dana minghajr ebda accenn ghad-dritt allegatament koncess lill-attur. Finalment il-koncedent awtorizza lill-Muzew tal-Kattidral li jissuplixxi lill-terzi "copies of original manuscripts" kontra hlas.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------